# RIŻORSA 5

## KWOTAZZJONIJIET MILL-INDUSTRIJA TAL-MODA

"Jagħtuna bil-ħarta u jgħajruna klieb u ħmir"

*Sors: India's clothing workers (Il-ħaddiema tas-settur tal-ħwejjeġ fl-Indja), The Guardian, il-Ħadd 25 ta' Novembru 2012*

"Hekk kif London Fashion Week (il-Ġimgħa tal-Moda ta' Londra) tiftaħ bit-tlellix kollu tagħha, imkien ma jidher aktar lampanti l-baħar jaqsam li hemm bejn il-profitti tal-bejjiegħa tal-moda u r-realtà tal-faqar tal-ħaddiema tas-settur tal-ħwejjeġ barra minn xtutna. Altru li wasal il-waqt li l-ġganti tal-moda... jieħdu din il-kwistjoni bis-serjetà u jħallsu paga li tiggarantixxi għajxien deċenti lill-ħaddiema tagħhom kollha."

*Sors: Sam Maher, The Guardian, il-Ġimgħa 16 ta' Settembru 2011*

"Meta nkun qed niddisinja u nibda nhewden dan kollu x'jista' jfisser, naħseb f'xi persuna li tkun għaddejja minn żmien diffiċli f'ħajjitha. Forsi jkollha qalbha sewda u tqum filgħodu u tilbes xi biċċa lbies li nkun iddisinjajtha jien u tħossha kemm kemm aħjar. Jiġifieri, f'dak is-sens, il-moda tgħin ftit fil-ħajja ta' persuna. Imma ftit biss."

*Sors: Miuccia Prada, disinjatriċi*

"Naħseb li spiss nara li n-nies jibżgħu mill-moda, u jmaqdruha għax jibżgħu minnha jew għax iġġiegħlhom iħossu ruħhom insikuri. Kollox ma' kollox, in-nies imaqdruha d-dinja tagħna... Naħseb li dan soltu minħabba li jħossu ruħhom esklużi b'xi mod, jew li mhumiex midħla tal-grupp "cool". Allura minħabba f'hekk sempliċement iwaqqgħuha għaż-żuffjett."

*Sors: Anna Wintour, ex direttriċi ta' 'Vogue'*